TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# UGWALI FLIMKIEN

Il-koppja kelma tagħti għall-ġejjien
sabiex fl-imħabba jgħixu tul iż-żmien,
iwiegħdu relazzjoni
b'saħħitha bejn it-tnejn,
għal ħajj' aħjar flimkien.

Biex jaffrontaw id-diffikultajiet,
jinqasmu d-dar u barra x-xogħolijiet.
Li jkunu t-tnejn flessibbli
meħtieġ għaż-żmien ta' llum;
jitnaqqsu t-tbatijiet.

**Ref:**

Ugwali flimkien; drittijiet u dmirijiet.
Jitħarsu mit-tnejn tal-familja l-bżonnijiet,
b'sapport sħiħ morali,
ukoll materjali
fir-responsabbiltajiet.

Ugwali flimkien u leali lejn xulxin
bi djalogu sħiħ ta' veri maħbubin;
komunikazzjoni,
ġid għar-relazzjoni;
jissaħħu tul is-snin.

Il-ħidma u t-trobbija ta' l-ulied
id-dmir tat-tnejn; taħbit u ħsibijiet.
Bejniethom bla pressjoni,
jiftiehmu għall-futur,
jiftiehmu r-rwolijiet.

TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

**Ref:** Ugwali flimkien; drittijiet u dmirijiet eċċ...

joe julian farrugia